

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Diċembru 2007 — Cabrera Sánchez vs L-UASI– Industrias Cárnicas Valle (el charcutero artesano)

(Kawża T-242/06) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċediment ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva el charcutero artesano — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti El Charcutero — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Nuqqas ta’ xebh bejn isinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”)

(2008/C 22/83)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Miguel Cabrera Sánchez (Móstoles, Spanja) (rappreżentanti: J. Calderón Chavero u T. Villate Consonni, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. García Murillo, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta’ l-Appell ta’ l-UASI: Industrias Cárnicas Valle, SA (Madrid, Spanja)

Suġġett

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni ta’ l-Ewwel Bord ta’ l-Appell ta’ l-UASI tal-15 ta’ Ġunju 2006 (każ R 790/2005-1) dwar proċediment ta’ oppożizzjoni bejn Miguel Cabrera Sánchez u Industrias Cárnicas Valle, SA.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħuda.
- 2) Miguel Cabrera Sánchez għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

⁽¹⁾ ĠU C 261, 28.10.2006.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-4 ta' Diċembru 2007 — Cheminova et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-326/07 R)

(“Proċedura Sommarja — Direttiva 91/414/KEE — Talba għal sospensjoni ta’ l-eżekuzzjoni — Ammissibbiltà — Nuqqas ta’ urġenza”)

(2008/C 22/84)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Cheminova A/S (Harboøre, id-Danimarka); Cheminova Agro Italia Srl (Ruma, l-Italja); Cheminova Bulgaria EOOD (Sofia, il-Bulgarija); Agrodan, SA (Madrid, Spanja); u Lodi SAS (Grand-Fougeray, Franza) (rappreżentanti: C. Mereu u K. Van Maldegem, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Kommunitajiet Ewropej (rappreżentanti: B. Doherty u L. Parpala, aġenti)

Suġġett

Talba għas-sospensjoni ta’ l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni 2007/389/KE tal-Kummissjoni, tas-6 ta’ Ġunju 2007, dwar in-non-inklużjoni tal-malathion fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta’ awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dik is-sustanza (ĠU L 146, p. 19), sakemm tingħata s-sentenza fil-kawża prinċipali.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal proċedura sommarja hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fid-19 ta’ Novembru 2007 — Euro-Information vs L-UASI (Rappreżentazzjoni ta’ id li żżomm karta bi tliet triangoli)

(Kawża T-414/07)

(2008/C 22/85)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Société Européenne de traitement de l’Information (Euro-Information) (Strasburg, Franza) (rappreżentanti: P. Greffe u M. Chaminade, avocats)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)